# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 121/2011

## tal-21 ta' Ottubru 2011

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2008/50/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE ([3]), id-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE ([4]), id-Direttiva 2000/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), id-Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE ([7]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li għandhom għalhekk jiġu mħassra mill-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XX tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 14b (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE):

"14c. **32008 L 0050**: id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1)."

2. It-testi tal-punti 13d (id-Direttiva 2000/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 13e (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE), 14a (id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE), 14b (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE) u 21ag (id-Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jitħassru.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/50/KE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 262, 6.10.2011, p. 65.
([2]) ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 296, 21.11.1996, p. 55.
([4]) ĠU L 163, 29.6.1999, p. 41.
([5]) ĠU L 313, 13.12.2000, p. 12.
([6]) ĠU L 67, 9.3.2002, p. 14.
([7]) ĠU L 35, 5.2.1997, p. 14.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.